# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt


***Minuti tas-28 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru 2016 fis-6.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech (6.40pm) |
| | Mark Azzopardi |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Josmar Camilleri |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Maria Tanti |
| **Eks-Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**28/01 Talba**

**28/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 27**

**28/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**28/03 Punti mtella' mill-Minuti 27**

**28/03/01** **Para 27/03/01:** Intbagħtet reminder lil DLG rigward fondi tal-PPP u rċevejna acknowledgement.

**28/03/02** **Para 27/03/07:** Il-boroż għandhom jaslu l-Kunsill sal-1 ta' Ottubru 2016.

**28/03/03** **Para 27/03/08:** Għandha ssir talba lil TM biex issir single yellow line fi Triq l-Isqof Gargallo.

**28/03/04** **Para 27/03/10:** Għandha ssir verifika mal-awtoritajiet rigward ċnut mal-għelieqi.

**28/03/05** **Para 27/03/17:** L-Accountant tal-Kunsill qed idur l-issues li ssemmew fil-management letter.

**28/03/06** **Para 27/04/01:** Is-Sindku għad irid jiltaqa' mal-Avukat tal-Kunsill rigward il-kiosks tal-festa.

**28/03/07** **Para 27/04/02:** Ix-xogħol fi Sqaq il-Ħofra ser jitkompla.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**28/03/08** **Para 27/04/04:** Ix-xogħol ta' pataching fi Triq Santa Katerina għadu pendenti.

**28/03/09** **Para 27/04/06:** Għandha ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntratturi.

**28/03/10** **Para 27/04/07:** L-applikazzjoni għadha pendenti u qed nistennew r-rapport tal-Engineer.

**28/03/11** **Para 27/05/03:** Ix-xogħol ta' żebgħa fi Triq l-Oratorju sar, minnbarra line matul it-triq kollha li ghadu pendent ghaliex qedin nistennew lill-kuntrattur.

**28/03/12** **Para 27/05/05:**. Ġiet innutata li l-karozza abbandunata fi sqaq fi Triq Mons L Catania tneħħiet.

**28/03/13** **Para 27/06/01:** Il-Kunsill innota li intbagħtet l-objection kif ukoll l-ilment fuq żewġ applikazzjonijiet quddiem il-PA.

**28/03/14** **Para 27/07/01:** Il-Kunsill għandu jivverifika jekk ix-xogħol ta' manutenzjoni hux ser isir mill-ħaddiema tal-RSS.

**28/04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**28/04/01** Għanda ssir attività tal-Halloween fis-Search Light Battery fid-29 ta' Ottubru 2016.

**28/04/02** Is-Sur Carl Grech daħal għal-laqgħa fis-6.40pm.

**28/04/03** Għandha ssir ukoll attività mixja għall-għar fl-20 ta' Diċembru 2016 u l-Milied fil-Pjazza fit-18 ta' Diċembru 2016.

**28/04/04** Kien hemm qbil li jinħareġ il-fuljett tal-Kunsill għal Milied b'messaġġ mis-Sindku u promozzjoni tal-attivitajiet tal-Kunsill.

**28/04/05** Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-istima ta' 108 Ewro + VAT biex issir il-junction box fil-Bypass ta' Birguma. Din għandha ssir jekk ma ssirx minn TM sa' laqgħa oħra.

**28/04/06** Kien hemm qbil li jinxtraw siġġijiet u shredder għall-użu fl-uffiċċju.

**28/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**28/05/01** Talba biex jitneħħa l-bajtar tax-xewk li hemm fil-passaġġ fi Sqaq il-Ħofra. Għandha tintalab stima lill-kuntrattur pero l-ewwel ghandna naraw jekk dan hux hiereg minn ghelieqi tal-privat.

**28/05/02** Talba biex fi Triq l-indipendenza isir double yellow line man-naħa tad-djar u jsir parkeġġ fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Kien hemm qbil li jsir stħarriġ mar-residenti fuq din il-proposta qabel jintalab il-permess ta TM.

**28/05/03** Talba għal bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra. Għandha issir applikazzjoni għal din wara li jigi konfermat li l-Enemalta Corporation ser ihallsu tal-cable u tal-arbli li jista jkun hemm bzonn.

**28/05/04** Talba għal crash barrier fi Triq Santa Katerina. Ġie deċiż li ssir talba lil TM għal din il-barrier.

**28/05/05** Talba għal reserved parking bay quddiem in-Nannakola fi Triq San Bartilmew. Ma kienx hemm qbil fuq din.

**28/05/06** Talba għal double yellow line fil-pjazza tad-Dejma. Kien hemm qbil li għalissa din it-talba tibqa' pendenti.

**28/05/07** Is-Sur Giljan Aquilina talab biex isiru l-plakkek tal-ismijiet tat-toroq ta' Triq Santa Marija taż-Żellieqa u oħra fi Triq Carravagio. Kien hemm qbil fuq dawn.

**28/05/08** Is-Sur Mario Gauci talab biex issir tabella "No Heavy Vehicles" fi Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq Caravaggio u tabella tal-Priority fi Triq in-Naxxar u jsir refreshing ta' single yellow line li hemm fi Triq Stiefnu Zerafa. Kien hem qbil unanimu fuq dawn.

**28/06** ***Korrispondenza***

**28/06/01** Ġiet innutata Ċirkolari 22/2016 rigward ħlasijiet ta' boundary walls.

**28/06/02** Il-Kunsill innota ħlas li rċieva rigward ħsara f'crash barrier minn karozza tal-linja.

**28/06/03** Ġie innutata korrispondenza mill-PA.

**28/06/04** Kien hemm diskussjoni rigward Premju Anzjanità Attiva 2016. Kien hemm qbil li jiġi nnominat s-Sur Bertu Camilleri.

**28/06/05** Kien hemm qbil li tiġi aċċettata stima mill-kuntrattur SignMark, għal numru ta' tabelli.

**28/06/06** Kien hemm qbil li tiġi aċċettata stima, mill-kuntrattur Mario Mallia, għal 3 tabelli "No Smoking".

**28/06/07** Ġiet innutata Ċirkolari 25/2016 – Sejħiet għall-Offerti li jinkludu Aċċessibiltà.

**28/06/08** Kien hemm disskussjoni rigward ilment fuq resurfacing ta' parti mit-Triq l-Indipendenza peress li twaqqa' ħajt. Għandha tintbagħat reminder lil TM fuq din, peress li hija triq ġdida.

**28/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**28/07/01** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li terġa' ssir l-attività "Wasal il-Milied" fejn tiġi mistiedna l-Eċċelenza Tagħha, il-President ta' Malta, jieħu sehem il-kor tat-tfal u korijiet oħrajn. Kien hemm qbil fuq dan. Ippropona wkoll li tiġi organizzata ġurnata kulturali f'Sqallija u li jiġi ppreżentat memento lis-Sur Simon Aquilina għal record tan-nar tal-arja fil-festa li għaddiet. Kien hemm qbil unanimu ukoll.

**28/07/02** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li se jsir Coffee Morning fix-xahar ta' Ottubru. Informa wkoll li l-Kunsill beda jiġbor ir-registrations għal dawk li jridu jieħdu t-tilqima.

**28/08** **Appovazzjoni tal-Pagamenti**

**28/08/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil ukoll li jiġu approvati żewġ pagamenti ta' 306.80 Ewro mill-kuntrattur J&G Event Supplies għal kiri ta' palk għal din is-sena u s-sena l-oħra. L-Agent S.E. informa li ghad irid jiccekkja l-kontijiet li thallsu zejda lill-kuntrattur li jigbor l-iskart goff. Ġiet approvata wkoll l-lista tal-petty cash. Hawn is-sindku accena ukoll ghal fatt li s-servizz temporanju tal-knis beda fit-8 ta' Awwissu u mhux fil-15 ta' Awwissu u l-kont ta' Awwissu jirifletti dan. Kien hemm qbil fuq din il-materja.

**28/09** **Aġġornament**

**28/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.20p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Maria Tanti** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Eks-Aġent Segretarju Eżekuttiv** |